MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 71/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Etienne Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Etienne Sammut talli :

(1) Fil-lejl ta’ bejn is-7 u t-8 ta’ Lulju 2000 ikkonsenja xi medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) lil persuna jew persuni ohra li ma kinux spizjara dirigenti jew li ma kinux xort’ohra awtorizzati bil-mod xieraq biex ikollhom fil-pussess taghhom dik il-medicina ;

(2) Fil-lejl ta’ bejn is-7 u t-8 ta’ Lulju 2000 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data, f’Malta kellu fil-pussess

tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Marzu 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ir-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22 ta' l-1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii), 120A(1B) u t-Tielet Skeda tal-Kap. 31, sabet lill-imsemmi Etienne Sammut hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni, u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' €465.87 li jistghu jithallsu b' rati ta' €93 fix-xahar. Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghall kull €11.65 mhux imhallsin ;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Etienne Sammutipprezentat fit-13 ta' Marzu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena jew alternattivament, f'kaz ta' sejbien htija, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi tigi imposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u ma setghetx issib htija a bazi tal-provi prodotti quddiemha; (2) l-ewwel Qorti skartat ix-xiehda ta' l-appellant quddiemha u minflok strahet fuq l-istqarrija li ghamel lill-Pulizija meta kien imbezza', ma bediex ihossu sew u ghalhekk ma kienx qal il-verita`; (3) minghajr pregudizzju, ghandha tigi imposta piena aktar ekwa u gusta.

L-ewwel zewg aggravji jehtiegu apprezzament mill-gdid tal-provi u kif dejjem gie ritenut huwa principju stabilit fil-

gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Issa, b'referenza ghall-ewwel aggravju l-appellant jghid li l-ewwel Qorti sabet htija ghax strahet fuq ix-xiehda ta' P.C. 279 Kevin Gauci li qal li sema' lill-appellant jghid illi kien se jsir sinjur (mill-bejgh tad-droga) u li ra lill-appellant jghaddi xi haga lil persuna partikolari u b'hekk qiesu bhala persuna suspettuza. Skond l-appellant, ix-xiehda ta' P.C. 279 hi inverosimili peress illi dak li allegatament ra u sema' dan ix-xhud kien waqt *rave party* fejn kien hemm hafna nies u hafna storbju. Fil-fatt l-istess P.C. 279 xehed li ma kellux ideja x'ghadda l-appellant. L-appellant ghalhekk jghid li ma ngabitx prova li kien qieghed ibiegh id-droga ghall-flus u tressaq il-Qorti unikament fuq dak li qal lill-Pulizija fl-istqarrija tieghu.

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Dwar l-istqarrija, u hawn din il-Qorti tirreferi ghat-tieni aggravju, l-appellant jghid li din ma saritx bil-gurament u l-ewwel Qorti xorta strahet fuq din l-istqarrija ghalkemm meta xehed quddiem l-ewwel Qorti qal li meta ghamel l-istqarrija kien imbezza', ma bediex ihossu sew – difatti ttiehed l-Isptar fejn saritlu *wash-out* ta' l-istonku – u ghalhekk ma kienx qal il-verita` meta rrilaxxja l-istqarrija. L-appellant jghid illi fix-xiehda tieghu spjega x'kien gara ezattament, u cioe` li kien hemm habib tieghu fil-*party* li geghlu jaghtih pillola u dan qabad u ta lill-appellant Lm5 minn jeddu minghajr ma kien talabhielu l-appellant.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant jikkontradici ruhu meta l-ewwel jghid illi ma kellux jinstab hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu mbaghad jammetti li kellu pillola li kkonsenja lil habib tieghu u accetta l-Lm5 li dak il-habib ghaddhielu. Hija kontradizzjoni fl-ewwel lok peress illi qieghed jammetti li kellu fil-pussess tieghu pillola u anke peress illi konvenjentement jinsa jirreferi ghall-pillola l-ohra li nstabet fuqu – li mill-provi jirrizulta li kienet tikkontjeni MDMA. Inoltre, kif kostantement ritenut fil-gurisprudenza taghna, it-traffikar jikkostitwixxi kull mezz li permezz tieghu d-droga tigi kkonsenjata lil persuna ohra. Dan huwa evidenti mid-definizzjoni li l-ligi taghna taghti ghall-kelma "traffikar"[2]. Anke kieku l-appellant kellu ma jaccettax flus, xorta wahda jissussisti r-reat ta' traffikar, *multo magis* meta ma jghidx li rrifjuta l-flus li ghaddielu l-habib tieghu. Barra minn hekk, kwantu ghal dak li qieghed jallega li l-habib tieghu "geghlu" jaghtih il-pillola, zgur ma jistax jinghad illi jezistu l-elementi li jezentawh mir-responsabbilta` kriminali kif kontemplati fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 33 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[3] Jigifieri anke kieku l-ewwel Qorti kellha temmen dak li xehed l-appellant quddiemha, ir-rizultat kien ikun l-istess. Jigifieri xorta kien ikun hemm is-sejbien ta' htija taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

---

[2] Art. 120A(1B) tal-Kap. 31 tal-Ligjiet ta' Malta.

[3] L-art. 33(b) tal-Kap. 9 jipprovdi: "Kull persuna tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali jekk fil-waqt ta' l-att jew tan-nuqqas - … (b) kienet imgieghla b'forza barranija li ma setghetx tirrezisti ghaliha."

Din il-Qorti pero`, wara li ezaminat il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, hi tal-fehma li dak li pprova jaghmel l-appellant kien biss tentattiv ta' *damage control*. P.C. 279 Kevin Gauci huwa kredibbli peress illi xehed precizament dak li ra: l-appellant jghaddi xi haga lil persuna waqt il-*party* u dik il-persuna tghaddi flus lill-appellant – ma setax jara x'kien ghadda l-appellant u l-anqas ma seta' jidentifika kemm dik il-persuna kienet ghaddiet lill-appellant. Meta P.C. 279 ghamel tfittxija fuq l-appellant pero` sablu Lm46 u pillola li mill-analizi forensiku rrizulta li kienet tikkontjeni s-sustanza MDMA.[4] Ghalhekk m'ghandux ma jitwemminx P.C. 279 meta jghid li sema' lill-appellant jghid "ejja ha nsir sinjur jiena" meta l-appellant ghadda minn warajh. Mill-banda l-ohra mhuwiex kredibbli l-appellant meta jipprova jxejjen dak li qal fl-istqarrija. Huwa stess jghid li kkoopera mal-Pulizija u certament din il-koopeazzjoni ssarrfet fl-ammissjonijiet li ghamel fl-istqarrija tieghu li jirrizulta li ghamel mnn jeddu, minghajr theddid jew promessi ta' xi vantaggi u li huwa ghazel li jiffirma.

Ghalhekk l-ewwel zewg aggravji qed jigu michuda.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid li din kienet l-ewwel darba li xellef difrejh mal-Pulizija, li qatt ma rega' mar *party* iehor u qatt ma rega' mess ma' droga kif anke kkonfermat minn Josette Camilleri, addetta ma' l-Agenzija APPOGG. L-appellant jghid ukoll illi issa ilu diversi snin f'relazzjoni serja ma' tfajla bil-hsieb li jizzewgu u anke hadu self biex jixtru d-dar taghhom. Missier l-gharusa tieghu fil-fatt xehed li jafu bhala tifel bil-ghaqal u kuntent bir-relazzjoni li hemm ma' bintu. Ghandu xoghol stabbli u anke d-dirigenti tal-kumpanija li jahdem maghha urew is-sodisfazzjon taghhom ghall-hidma tieghu maghhom.

L-appellant josserva wkoll li l-kuncett ta' *crime does not pay* m'ghadux applikabbli fiz-zminijiet tallum u l-iskop ta' piena mhux biss dak ta' deterrent jew retribuzzjoni izda ta' rijabilitazzjoni, u piena karcerarja aktarx tkun kontro-

---

[4] Ara rapport ta' l-Ispizjar Mario Mifsud a fol. 38 – 44.

produttiva. Jghid li l-fatt li ghadda hafna zmien mill-kommissjoni tar-reat ghandu jservi ta' attenwant. Jghid li tressaq il-Qorti hames snin wara r-reat u ghalhekk it-trapass taz-zmien ma kienx minhabba xi nuqqas attribwibbli lilu. F'dar-rigward jirreferi ghall-gurisprudenza n materja.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[5].

Il-piena kontemplata mil-ligi[6] ghar-reat ta' traffikar hi dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87). Jigifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi l-minimu permissibbli.

Kwantu ghall-kwistjoni tat-trapass taz-zmien, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et** moghtija fit-2 ta' Ottubru 2002 qalet hekk:

**"Issa apparti li kif gie spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali tal-hati (ara: Ir-Republika ta' Malta vs Joseph Attard (24.7.2000) u Ir-Republika ta' Malta vs Joseph Attard u Angelo Attard (24.7.2000)).**

"**Jista' pero` f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut**

5 Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

6 Art. 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

**minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza ‘Il-Pulizija vs Geoffrey Azzopardi’ (29.1.2001) ghalkemm f’din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.**

“**Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista’ jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta’ piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta’ zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f’dan il-kaz - u dana a skapitu ta’ dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata’ aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.**”

L-ewwel nett jinghad li l-appellant ma tressaqx il-Qorti fil-11 ta’ Frar 2006 izda fit-2 ta’ Mejju 2001, jigifieri kwazi ghaxar xhur wara li gie arrestat. Fis-27 ta’ Gunju 2003, quddiem l-ewwel Qorti diversament presjeduta peress illi l-Magistrat sedenti kien gie elevat ghall-gudikatura, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ghalqet bil-provi taghha u d-difiza ddikjarat li ma kienx hemm ghalfejn jergghu jinstemghu x-xhieda li kienu diga` gew irregistrati. Pero` l-kaz gie finalment trattat fit-12 ta’ Novembru 2007, jigifieri l-istadju tad-difiza kien ha aktar minn erba’ snin. Jirrizulta fil-fatt li kien hemm anke perijodu ta’ sentejn fejn l-appellant ma setax jigi rintraccat. Jigifieri t-tul taz-zmien kien certament provokat f’parti sostanzjali mill-istess appellant.

Mill-banda l-ohra, din il-Qorti hi sodisfatta, mill-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, li l-appellant biddel hajtu wara li nqabad fuq dan il-kaz. Ghamel kuntatt ma’ l-Agenzija SEDQA (mhux APPOGG kif jghid fir-rikors ta’ appell tieghu), attenda *counselling* regolarment, *urine testing* dejjem irrizulta fin-negattiv, sab xoghol regolari, qieghed f’relazzjoni stabbli bil-hsieb taz-zwieg u anke ha self minn bank ghax-xiri tad-dar konjugali. Il-fedina penali

aggornata tieghu wkoll tindika li ma kienx hemm ksur ulterjuri tal-ligi.

Ciononostante, il-ligi kif inhi ma tippermettix piena differenti minn dik imposta mill-ewwel Qorti. L-artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi: "**(7) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(*a*)(i) jew (*b*)(i)"**. Jigifieri piena ta' prigunerija effettiva flimkien ma' multa hi tassattiva. Barra minn hekk l-appellant l-anqas ma jista' jibbenefika minn xi tnaqqis kif kontemplat fl-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghall-Kap. 31 bl-artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31, peress illi ma rrizultax li l-appellant ghen lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li pprovdewlu l-pilloli in kwistjoni, s-sodisfazzjon tal-Qorti li huwa hekk ghen lill-Pulizija.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma jibqaghlhiex triq ohra hlief li tirrespingi wkoll it-tielet aggravju u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha. Pero` in vista tac-cirkostanzi suelenkati tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex minnufih jinserixxi lill-appellant fi programm tas-SEDQA jew agenzija ohra simili.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------